KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 349**

**T-Tnejn 27 ta' Novembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, Is-Siġġiewi, fis-sebgħa ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Alessia Psaila Zammit –Sindku
Is-Sur Julian Borg – Vici Sindku
Is-Sin. Gillian Farrugia Pace – Kunsilliera
Dr Mark Anthony Vassallo - Kunsillier
Is-Sur Nicholas Cassar – Kunsillier
Is-Sur Domenic Grech – Kunsillier
Is-Sur Clayton Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Keith Galea– Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit ppresidiet il-laqgħa.

**349.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

349.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**349.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

349.2.1 Inqraw il-minuti tas-Seduta numru 348. Is-Sindku pproponiet li l-minuti tal-laqgħa numru 348 jkunu approvati bħala korretti. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**349.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

349.3.1 Is-Sindku fakkret li l-Laqgħa skedata mas-Segretarju Parlamentari l-Onor Silvio Parnis se ssir t-Tnejn 4 Diċembru fit-3 ta' wara nofs in-nhar fl-uffiċċju tiegħu l-Belt.

349.3.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsill irċieva taħrika mill-Qorti biex jixhed f'każ bejn il-Puluzija u Tyron's Bar f'seduta li se ssir fil-11 ta' Jannar.

349.3.3 Is-Sindku semmiet li l-Kunsill irċieva ilment li f'bini privat biswit Triq Dun Manwel Zammit, l-isfel minn Triq l-Imdina. qed isir użu minnu mhux skont il-permessi approvati. Il-Kunsill għaddha l-Kaz lill-Awtoritajiet kompetenti.

349.3.4 Is-Sindku tkellmet ukoll dwar Triq l-Imqabba fejn spjegat li parti mit-Triq fejn hemm ċint imbewwaq ġiet dikjarata perikoluża mill-perit tal-Gvern. Il-Puluzija talbu lil Kunsill biex jagħmel barriers mad-dawra biex ikun limitat l-aċċess għall vetturi. Il-Kunsill qiegħed għaddejj ukoll b'taħdidiet ma' Transport Malta biex isiru x-xoghlijiet neċċessarji.

349.3.5 Is-Sindku infurmat lil Kunsilliera li l-Kunsill irċieva petizzjoni mingħand ir-residenti li joqgħodu Triq Wied Xkora biex jingħata wiċċ ġdid lit-Triq.

349.3.6 Is-Sindku aġġornat lill-Kunsilliera dwar ix-xogħlijiet fi Triq Kilpa fejn qalet li ġiet infurmata minn Transport Malta li x-xogħlijiet ser ikunu lesti qabel tmiem is-sena.

**349.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

348.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

**349.5 Attivitajiet (Pjazza Milied, EWWR, Tetra għall-Istrina)**

349.5.1 Dwar il-European Week for Waste Reduction is-Sindku qalet li l-attivita li saret fl-iskola primarja fejn l-anzjani wrew best practices lit-tfal ta' Reuse of waste', marret tajjeb.

Is-Sindku qalet li f'Jum il-Festa ta' San Nikola se jinġabru flus għall-istrina mit-tfal tal-iskola li se jitpoġġew ħdejn San Nikola tal-Pjazza. Dawn il-flus ser jinġabru u jingħataw lil President ta' Malta f'attivita organizzata mill-Comunity Chest Fund.

Dwar Pjazza Milied is-Sindku qalet li l-preparamenti għaddejjin ġmielhom u li fl-10.30 ta' filgħodu se ssir ukoll żjara kulturali fil-knisja l-qadima. Il-Viċi Sindku qal li l-attivitajiet li se jsiru bejn l-10am u s-7pm se jikkonsistu f'varjeta kbira minn kumpaniji ta' sfin għal dawk tal-kant u zewġ baned. Il-Kunsillier Clayton Cutajar ta' wkoll xi suġġerimenti dwar il-Breakfast li jsir f'din l-attivita' filgħodu.

**349.6 Jum is-Siġġiewi**

349.6.1 Saret diskussjoni dwar l-attivitajiet li għandhom isiru b'rabta ma Jum is-Siġġiewi. Sar qbil li dawn isiru fl-ewwel ġimgħa ta' Marzu u għandhom jinkludu, ħarġa għall-anzjani, Assembly għat-tfal tal-iskola, quddiesa, sports day, bl-attivita' formali fejn jingħata l-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi ssir fl-iskola.

**349.7 Bankini**

349.7.1 Is-Sindku qalet li kif kien ġie diskuss fil-laqgħa preċendi fl-isfond tal-fondi li r-Reġjun se jagħti għall-Bankini il-Kunsilliera għandhom jagħmlu lista ta' bankini li hemm bżonn ta' manutenzjoni fuqhom biex isssir lista ta' Priorita'. Il-Kunsilliera għaddew il-lista tagħhom.

**349.8 Xogħlijiet fi Triq Nerik Vassallo**

349.8.1 Is-Sindku aġġornat lil Kunsilliera b'rabta max-xogħlijiet ta' għoti ta' wiċċ ġdid f'parti minn Triq Nerik Vassallo. Kien hemm taħdidiet ma Transport Malta biex issir it-Triq San Gorg Preca li tmiss ma Triq Nerik Vassallo dan peress li jekk il-Kunsill ilesti l-Parti ta' Triq Nerik Vassallo u Triq San Gorg Preca ma tkunx ingħatat wiċċ bit-tarmac l-ilma tax-xita jista' jiġi ddirezzjonat lejn id-djar. Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed jikkopera ma TM biex ix-xogħlijiet jibdew mill-aktar fis.

**349.9 Għajnuna lill-Għaqdiet Sportivi**

349.9.1 Is-Sindku tkellmet li ltaqgħat mal-Għaqdiet sportivi fejn semmew li qed jippruvaw jiffurmaw fondazzjoni bejniethom. Il-Kunsill se jkompli jsegwi l-izvillupp ta' kif l-għaqdiet sejrin jikkoperaw biex jinstab l-aħjar mod kif il-kunsill ikun jista jgħin f'din l-inizjattiva. L-ghaqdiet sportivi talbu wkoll assistenza mill-Kunsill Lokali fil-manutenzjoni tal-grounds tal-basketball u football

u fl-attivitajiet. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti mal-ghaqdiet mezzi ta' assistenza u koperazzjoni ghas-snin li gejjin. Is-Sindku qalet ukoll li rciviet korrispondenza minn Carmelo Aquilina u l-Ghaqda Gurnalisti Sportivi biex titwaqqaf Fondazzjoni ghal gieh John Debattista. Is-Sindku qalet li talbet li dawn jitkellmu mal-ghaqdiet sportivi biex issir fondazzjoni wahda."

**349.10 Rapport tal-korrispondenza**

349.10.1 Is-Segretarju pprezenta r-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċeiva bejn it-Tlieta 31 t'Ottubru u t-Tnejn 27 ta' Novembru.

**349.11 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa.**

349.11.1 Ma kienx hemm.

**349.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

349.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku ppproponiet li l-pagamenti jkunu approvati mill-Kunsill.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**349.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

349.13.1 Il-laqgħa intemmet fid-8.30 p.m. u s-Sindku ppproponiet li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn 18 ta' Diċembru 2017 fis-7.00p.m. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Konfermati, illum 18 ta' Diċembru 2017.

| | |
|---|---|
| Dr Alessia Psaila Zammit | Keith Galea |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |